



## UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 16 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

2021/0379 (COD)

PE-CONS 43/23

EF 202  
ECOFIN 701  
CODEC 1241

### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda  
ċerti Direttivi fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-punt ta'  
aċċess uniku Ewropew

**DIRETTIVA (UE) 2023/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

ta' ...

**li temenda ċerti Direttivi fir-rigward  
tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-punt ta' aċċess uniku Ewropew  
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 53, 62 u 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħha lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 290, 29.7.2022, p. 58.

<sup>2</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Novembru 2023 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Ufficijal) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...

Billi:

- (1) L-aċċess faċli u strutturat għad-data, inkluż għall-informazzjoni pprovdu fuq bażi volontarja, huwa importanti biex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ekonomija u fis-soċjetà jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet sodi li jservu l-funzjonament effiċjenti tas-suq. Tali aċċess huwa meħtieġ ukoll sabiex jiżdiedu l-opportunitajiet għat-tkabbir u l-viżibbiltà tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-innovazzjoni min-naħħa tagħhom. L-introduzzjoni ta' spazji komuni Ewropej tad-*data* f'setturi kruċjali, inkluż is-settur finanzjarju, isservi l-iskop li jiġi pprovdut aċċess faċli għal sorsi affidabbli ta' informazzjoni f'dawk is-setturi. Is-settur finanzjarju fih innifsu huwa mistenni li jgħaddi minn trasformazzjoni digħiċċi fis-snin li ġejjin, u jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġja dik it-trasformazzjoni, b'mod partikolari billi tippromwovi finanzi xprunati mid-data. Barra minn hekk, it-tqegħid tal-finanzi sostennibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja huwa mezz ewljeni sabiex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni. Sabiex dik it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi, huwa essenzjali li l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà u l-governanza soċjali tan-negozji tkun faċilment aċċessibbli għall-investituri, sabiex ikunu informati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investimenti. Għal dawk il-finijiet, jeħtieġ li jittejjeb l-aċċess pubbliku għal-informazzjoni finanzjarja, mhux finanzjarja u dik relatata mal-ambjent, mas-soċjetà u mal-governanza dwar persuni fiżiċċi jew ġuridiċi (“entitajiet”) li huma stess huma meħtieġa li jippubblikaw tali informazzjoni, jew li jiżvelaw pubblikament tali informazzjoni lil korp tal-ġbir fuq bażi volontarja. Mezz effiċjenti biex dan isir fil-livell tal-Unjoni huwa li tiġi stabbilita pjattaforma ċentralizzata li tagħti aċċess elettroniku għall-informazzjoni rilevanti kollha.

- (2) Fil-kommunikazzjoni tagħha tal-24 ta' Settembru 2020 bit-titlu “Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji – pjan ta' azzjoni ġdid”, il-Kummissjoni pproponiet li ttejjeb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja tal-entitajiet billi tibni punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP). Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2020 bit-titlu “Strateġija għall-finanzi diġitali għall-UE” (l-“Istrateġija għall-Finanzi Diġitali”) stabbiliet f’termini ġenerali dwar kif l-Unjoni tista’ tippromwovi t-trasformazzjoni diġitali tal-finanzi fis-snin li ġejjin, u b’mod partikolari kif tippromwovi finanzi xprunati mid-data. Sussegwentement, fil-kommunikazzjoni tagħha tas-6 ta’ Lulju 2021 bit-titlu “Strateġija għall-Finanzjament tat-tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli”, il-Kummissjoni poġġiet il-finanzi sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja, bħala mezz ewlieni sabiex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew stabbilit fil-kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta’ Diċembru 2019.

- (3) L-ESAP huwa stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1+</sup> sabiex jiprovdi lill-pubbliku aċċess ċentralizzat faċli għall-informazzjoni fir-riġward ta' entitajiet u l-prodotti tagħhom li jkun ta' relevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà, u li l-entitajiet u l-awtoritajiet huma meħtieġa jippubblikaw skont l-atti leġiżlattivi tal-Unjoni f'dawk l-oqsma. Tali pubblikazzjoni jenħtieġ li titwettaq f'konformità mal-prinċipju li fajl jiġi ppreżentat darba u mingħajr ma jiżdied l-ebda rekwiżit ta' divulgazzjoni addizzjonali minbarra dawk spċifikati mil-liġi. Barra minn hekk, jenħtieġ li kwalunkwe entità irregolata mil-liġi ta' Stat Membru tkun tista' tissottometti lil korp ta' ġbir, fuq bażi volontarja, informazzjoni dwar l-attivitàajiet ekonomiċi tagħha li tkun rilevanti għas-servizzi finanzjarji jew għas-swieq kapitali, jew li tikkonċerna s-sostenibbiltà, bil-ġhan li dik l-informazzjoni ssir aċċessibbli fuq l-ESAP f'konformità mar-Regolament (UE) .../...<sup>++</sup>.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jiġi iċċonċi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jiprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../oj>).

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

<sup>++</sup> ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (4) Għadd ta' Direttivi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà jenħtieġ li jiġu emendati sabiex jippermettu l-funzjonament tal-ESAP. Sabiex jinkiseb il-funzjonament tajjeb u effiċjenti tal-ESAP b'mod proporzjonat, iż-żieda fil-ġbir u ssottomissjoni tal-informazzjoni jeħtieġ li tkun gradwali. Huwa maħsub li r-rekwiżit li l-informazzjoni ssir disponibbli għall-ESAP jikkostitwixxi parti integrali mill-atti leġiżlattivi settorjali tal-Unjoni elenkti fl-Anness tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> u minn kwalunkwe att leġiżlattiv ulterjuri tal-Unjoni li jipprevedi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni dwar l-ESAP. L-informazzjoni li għandha ssir aċċessibbli fuq l-ESAP u l-korpi tal-ġbir iddeżinjati għall-ġbir ta' dik l-informazzjoni tista' tīgħi riveduta bħala parti mir-rieżami ta' dawk l-atti leġiżlattivi settorjali tal-Unjoni, biex jiġi żgurat li l-ESAP jipprovd lill-parteċipanti fis-suq aċċess ċentralizzat faċċi għall-informazzjoni li jeħtieġu u li l-ESAP isir il-punt ta' referenza.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (5) Jenħtieġ li l-ESAP jiġi stabbilit b'perjodu ta' żmien ambizzjuż, filwaqt li jittieħdu passi intermedji biex jiġu żgurati s-solidità u l-effiċċenza operazzjonali tiegħu. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi allokat biżżejjed żmien għall-implimentazzjoni teknika tal-ESAP u għall-ġbir ta' informazzjoni li għandu jiġi stabbilit fl-Istati Membri. L-iżvilupp tal-ESAP jenħtieġ li jkollu fażi inizjali ta' 12-il xahar, biex jingħata biżżejjed żmien lill-Istati Membri u lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ESMA) stabilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> biex tistabbilixxi l-infrastruttura tal-IT u tittestjaha abbażi tal-ġbir ta' għadd limitat ta' flussi ta' informazzjoni. Sussegwentement, l-iżvilupp tal-ESAP jenħtieġ li jinkorpora gradwalment, maż-żmien, għadd addizzjonali ta' flussi ta' informazzjoni u funzjonalitajiet b'pass li jippermetti l-iżvilupp sod u effiċċenti tal-ESAP. Il-funzjonament tal-ESAP jenħtieġ li jiġi vvalutat fuq bażi regolari matul l-implimentazzjoni u t-tħaddim tiegħu biex ikun jista' jsir kwalunkwe aġġustament biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti tiegħu u biex tīgi żgurata l-effiċċenza teknika tiegħu.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

- (6) Għall-finijiet tal-funzjonament tal-ESAP, jenħtieġ li jiġu deżinjati korpi tal-ġbir biex jiġbru l-informazzjoni minn entitajiet li tkun ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà mingħand l-entitajiet. Fin-nuqqas ta' korp tal-ġbir digħi stabbilit skont il-liġi tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jżommu l-flessibbiltà fl-organizzazzjoni tal-ġbir ta' informazzjoni fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, jenħtieġ li jiddeżinjaw mill-inqas korp ta' ġbir wieħed, kif definit fir-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>, biex jiġbor u jaħżeen l-informazzjoni, u jenħtieġ li jinnotifikaw lill-ESMA b'dan. Għall-iskop li l-informazzjoni ssir aċċessibbli dwar l-ESAP b'mod kosteffiċjenti, il-ġbir, it-trażmissjoni u l-ħażin tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu bbażati, sa fejn ikun possibbli, fuq il-proċeduri u l-infrastruttura eżistenti ta' ġbir, trażmissjoni u ħażin fis-seħħ fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk fis-seħħ għat-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-korpi tal-ġbir lill-ESMA.
- (7) Sabiex jiġi żgurat li l-ESAP jipprovd iċċess f'waqtu għal informazzjoni li tkun ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà, kif stabbilit fir-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>, l-entitajiet jenħtieġ li jissottomettu l-informazzjoni tagħhom lil korp tal-ġbir fl-istess ħin li jagħmlu dik l-informazzjoni pubblika. Min-naħħa tagħhom, il-korpi tal-ġbir jenħtieġ li jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-ESAP b'mod awtomatizzat. Jenħtieġ li l-korpi tal-ġbir jibbażaw, sa fejn ikun possibbli, fuq il-proċeduri u l-infrastruttura eżistenti ta' ġbir ta' informazzjoni, fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, għat-trażmissjoni ta' informazzjoni lill-ESMA mingħajr dewmien żejjed.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

(8) Sabiex l-informazzjoni dwar l-ESAP tkun tista' tintuża b'mod diġitali, jenħtieġ li l-entitajiet jissottomettu l-informazzjoni lill-korpi tal-ġbir f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data jew, fejn meħtieġ mal-liġi tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni. Jenħtieġ li l-informazzjoni sottomessa mill-entitajiet lill-korpi tal-ġbir tkun akkumpanjata mill-metadata mitluba minn dawk il-korpi tal-ġbir. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi ta' implementazzjoni żviluppati mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (ABE) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) (EIOPA) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, jew mill-ESMA (kollettivament magħrufa bħala “Awtoritajiet Superviżorji Ewropej” jew “ESAs”), li jispeċifikaw il-metadata għal kull biċċa informazzjoni, kif id-data fl-informazzjoni għandha tiġi strutturata, l-informazzjoni li ġħaliha huwa meħtieġ il-format li jinqara mill-magni u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża f'tali każżejjiet. Fir-rigward tal-implementazzjoni ta' standards tekniċi li jikkonċernaw l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, filwaqt li jaġixxu permezz tal-Kumitat Konġunt, jenħtieġ li jikkollegaw mal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) dwar l-iżvilupp ta' dak l-abbozz ta' standards. L-introduzzjoni ta' format li jinqara mill-magni jenħtieġ li tkun ġustifikata b'analiżi li tqis il-kostijiet u l-benefiċċji għall-entitajiet u għall-utenti tal-informazzjoni, kif ukoll għal kwalunkwe parti kkonċernata oħra, b'mod partikolari l-korpi tal-ġbir, l-awtoritajiet kompetenti u l-ESAs.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

- (9) Jenħtieġ li l-korpi tal-ġbir ma jkunux responsabbli li jivverifikaw il-preċiżjoni tal-kontenut tal-informazzjoni sottomessa mill-entitajiet, sakemm ma jkunux ingħataw mandat biex jagħmlu dan f'konformità mal-atti leġiżlattivi applikabbli tal-Unjoni elenkti fl-Anness tar-Regolament .../...+. Jenħtieġ li l-entitajiet li jissottomettu l-informazzjoni fuq bażi obbligatorja jkunu responsabbli li jiżguraw il-preċiżjoni tal-informazzjoni sottomessa skont l-obbligi legali tagħhom fl-ambitu tal-atti leġiżlattivi applikabbli tal-Unjoni elenkti fl-Anness jew skont il-liġi nazzjonali.
- (10) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, u ta-kummenti formali fid-19 ta' Jannar 2022.
- (11) Il-Bank Ċentrali Ewropew pprovda l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Ġunju 2022<sup>2</sup>.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġebok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fizċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

<sup>2</sup> ĠU C 307, 12.8.2022, p. 3.

- (12) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni għall-informazzjoni pubblika li jenħtieġ li ssir aċċessibbli permezz tal-ESAP, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tad-dokumenti miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjet kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċċessarju sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttivi li ġejjin jiġu emendati skont dan:
- id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>,
  - id-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1).

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri, (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12).

- id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>,
- id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>,
- id-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>,
- id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>,

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifikasi statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87).

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-eżerċizzu ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpaniji kkwotati (ĠU L 184, 14.7.2007, p. 17).

<sup>4</sup> Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liggħejiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

- id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>,
- id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>,
- id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>,
- id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>,

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternativi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

<sup>4</sup> Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

- id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>,
- id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>,
- id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>,

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-strumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

<sup>3</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19).

- id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>,
- id-Direttiva (EU) 2019/2034 tal-Parlament u tal-Kunsill<sup>2</sup>,
- id-Direttiva (EU) 2019/2162 tal-Parlament u tal-Kunsill<sup>3</sup>;

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37).

<sup>2</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investimenti u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE 2014/59/UE u 2014/65/UE (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 64).

<sup>3</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/2162 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttivi 2009/65/KE u 2014/59/UE (ĠU L 328, 18.12.2019, p. 29).

*Artikolu 1*  
*Emenda għad-Direttiva 2002/87/KE*

Fid-Direttiva 2002/87/KE, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*“Artikolu 30b*

*Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew*

1. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddivulgaw pubblikament kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(4) ta’ din id-Direttiva, l-entitajiet regolati jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir imsemmi fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu ġħall-fini li jagħmluha aċċessibbli fuq il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*<sup>+</sup>

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f’format li minnu tista’ tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>++</sup> jew, fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, f’format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4) ta’ dak ir-Regolament;

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta’ dak ir-Regolament.

<sup>++</sup> ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
- (i) l-ismijiet kollha tal-entità regolata li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-entità regolata, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
  - (iii) id-daqs tal-entità regolata skont il-kategorija kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) it-tip ta' informazzjoni kif ikklassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (v) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tinkludix *data* personali.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet regolati jiksbu l-identifikatur ta' entità ġuridika.
3. Għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2) tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> għandu jkun l-awtorità kompetenti.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

4. Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa ta' standards tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati biex tispeċifika dan li ġej:
- (a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;
  - (b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;
  - (c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u, f'tali każijiet, liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

5. Fejn meħtieġ, l-ESMA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-publiku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/ ..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>).”.

## *Artikolu 2*

### *Emenda għad-Direttiva 2004/25/KE*

Fid-Direttiva 2004/25/KE, jiddaħħal l-Artikolu ġej:

#### *“Artikolu 16b*

##### *Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta' aċċess uniku*

1. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(2), il-punt (c), l-Artikolu 6(1) u (2) u l-Artikolu 9(5) ta' din id-Direttiva, il-kumpaniji jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-fini li jagħmluha aċċessibbli fuq il-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*+.

---

+ ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-publikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) .../...+, jew fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), ta' dak ir-Regolament;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tal-kumpanija li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-kumpanija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b) tar-Regolament (UE) .../...+;
  - (iii) id-daqs tal-kumpanija skont il-kategorija kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) is-settur(i) industrijali tal-attivitajiet ekonomiċi tal-kumpanija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (e) ta' dak ir-Regolament;
  - (v) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (vi) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu (1), il-punt (b)(ii), l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kumpaniji jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika.
3. Sa ... [72 xahar, nieqes jum, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw mill-inqas korp tal-ġbir wieħed kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.
4. Minn ..... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(4) ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak il-fini, il-korpi tal-ġbir kif definiti fl-Artikolu, il-punt (2) tar-Regolament (UE) .../... għandhom ikunu l-awtorità kompetenti biex tissorvelja talba magħmula skont l-Artikolu 4(1) ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tal-kumpanija li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-kumpanija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament .../...<sup>+</sup>;

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġebok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data* personali.
5. Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa ta' standards tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati biex tispeċċifika dan li ġej:
- (a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;
  - (b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;
  - (c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u, f'tali każijiet, liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaggia u l-iżvantaggia ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

6. Fejn meħtieġ, l-ESMA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-publiku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>).”.

### *Artikolu 3*

#### *Emendi għad-Direttiva 2004/109/KE*

Id-Direttiva 2004/109/KE hija emenda kif ġej:

- (1) jitħassar l-Artikolu 21a;

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*“Artikolu 23a*

*Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew*

1. Minn ... [30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddivulgaw l-informazzjoni regolata msemmija fl-Artikolu 21(1) ta’ din id-Direttiva, l-emittent jew il-persuna li tkun applikat għall-ammissjoni għall-kummerċ f’suq regolat mingħajr il-kunsens tal-emittent għandha tissottometti fl-istess ħin l-informazzjoni regolata lill-korp tal-ġbir kif imsemmi fl-Artikolu għall-fini li tagħmilha aċċessibbli fuq il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*+.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni regolata tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) tiġi sottomessa f’format li minnu tista’ tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>++</sup> jew, fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali, f’format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4) ta’ dak ir-Regolament;

---

+ ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta’ dak ir-Regolament.

++ ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
- (i) l-ismijiet kollha tal-kumpanija li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-emittent, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b) tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
  - (iii) id-daqs tal-emittent skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) is-settur(i) industrijali tal-attivitajiet ekonomiċi tal-emittent, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament;
  - (v) it-tip ta' informazzjoni kif ikklassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (vi) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tinkludix *data personali*.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-emittenti jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

3. Għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2) tar-Regolament (UE) .../...+ għandu jkun il-mekkaniżmu ddeżinjat uffiċjalment skont l-Artikolu 21(2) ta' din id-Direttiva.
4. Minn ... [30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 29(1) ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak il-fini, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...+ għandu jkun l-awtorità kompetenti skont din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...+;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha l-ismijiet kollha tal-persuna fīžika jew entità ġuridika li magħha hi relatata l-informazzjoni;;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-entità ġuridika kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...+;

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
- (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tinkleudix *data* personali.
5. Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni regolata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implementazzjoni biex tispeċifika:
- (a) kwalunkwe metadata oħra li takkumpanja dik l-informazzjoni, inkluż ir-rapport finanzjarju ta' kull sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 5(1);
  - (b) l-istrutturar tad-*data* u l-format li jinqara mill-magni applikabbli għall-informazzjoni msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implementazzjoni lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istards tekniċi ta' implementazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

6. Fejn meħtieġ, l-ESMA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 5, l-ewwel subparagraphu, il-punt (a), hija korretta.
- 

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovd aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>).”.

#### *Artikolu 4*

##### *Emendi għad-Direttiva 2006/43/KE*

Fid-Direttiva 2006/43/KE, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

###### *“Artikolu 20a*

###### *Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta' aċċess uniku Ewropew*

1. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 30c ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq il-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*+. Għal dak il-fini, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), ta' dak ir-Regolament għandu jkun l-awtorità kompetenti skont din id-Direttiva.

---

+ ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-publikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tad-ditta tal-investiment li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tad-ditta tal-awditjar, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data* personali.

2. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 15 ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak il-fini, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> għandu jkun ir-reġistru pubbliku.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../... +;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tad-ditta tal-investiment li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tad-ditta tal-awditjar, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../... +;
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data* personali.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdni aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>).”.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

*Artikolu 5*

*Emenda għad-Direttiva 2007/36/KE*

Fid-Direttiva 2007/36/KE, jiddaħħal il-Kapitolu li ġej:

**‘Kapitolu IIb**

**Punt ta’ aċċess uniku Ewropew**

*Artikolu 14c*

*Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew*

1. Sa ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3g(1), l-Artikolu 3h(1) u (2), l-Artikolu 3j(1) u (2) l-Artikolu 9a(7), l-Artikolu 9b(5), l-Artikolu 9c(2) u (7), u l-Artikolu 14(2) ta’ din id-Direttiva, l-investituri istituzzjonali, il-maniġers tal-assi, il-konsulenti delegati u l-kumpaniji jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir imsemmi fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu għall-fini li jagħmluha aċċessibbli fuq il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>\*+</sup>.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta’ dak ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) .../...+, jew fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), ta' dak ir-Regolament;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tal-investitur istituzzjonali, tal-maniġer tal-assi, u tal-konsulent delegat jew tal-kumpanija li magħhom hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-investitur istituzzjonali, tal-maniġer tal-assi, tal-konsulent delegat jew tal-kumpanija, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...+;
  - (iii) id-daqs skont il-kategorija tal-investitur istituzzjonali, tal-maniġer tal-assi, tal-konsulent delegat jew tal-kumpanija, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) is-settur(i) industrijali tal-attivitajiet ekonomiċi tal-kumpanija, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament;

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (v) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
- (vi) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data* personali.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), l-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-investituri istituzzjonali, lill-maniġers tal-assi, lill-konsulenti delegati u lill-kumpanija jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika.
3. Minn ... [72 xahar, nieqes jum, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw mill-inqas korp tal-ġbir wieħed kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.
4. Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa standards tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati biex tispeċċifika dan li ġej:
- (a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;
  - (b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;
  - (c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u, f'tali każijiet, liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-ESMA għandha tissottommetti dawk l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

5. Fejn meħtieġ, l-ESMA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>).”.

*Artikolu 6*  
*Emenda għad-Direttiva 2009/65/KE*

Fid-Direttiva 2009/65/KE, il-Kapitolu IX, tiżdied it-taqṣima li ġejja:

“IT-TAQSIMA IV

AĊĊESSIBILITÀ TAL-INFORMAZZJONI DWAR IL-PUNT TA’ AĊĊESS UNIKU EWROPEW

*Artikolu 82a*

1. Minn ... [48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikoli 68(1) u 78(1) ta’ din id-Direttiva, il-kumpaniji tal-maniġment u l-kumpaniji tal-investiment - jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir imsemmi fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu għall-fini li jagħmluha aċċessibbli fuq il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP), stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*+.

---

\*+ ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-publikazzjoni ta’ dak ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) .../...+, jew fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), ta' dak ir-Regolament;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tal-UCITS li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-UCITS kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...+;
  - (iii) id-daqs tal-UCITS skont il-kategorija kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (v) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-UCITS tikseb identifikatur ta' entità ġuridika.
3. Għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2) tar-Regolament (UE) .../...+ għandu jkun l-awtorità kompetenti.
4. Minn ... [48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dik l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu, ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak il-fini, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../... għandu jkun l-awtorità nazzjonali kompetenti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...+;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tal-kumpanija tal-maniġment li magħha hija relatata l-informazzjoni;

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-kumpanija tal-maniġment, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament;
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tinkludix *data* personali.
5. Minn ... [48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 99b(1) ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak il-fini, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> għandu jkun l-awtorità kompetenti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tal-UCITS li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-UCITS, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
- (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data* personali.
6. Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa standards tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati biex tispeċifika dan li ġej:
- (a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;
  - (b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;
  - (c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u, f'tali każijiet, liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaggia u l-iżvantaggia ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-ESMA għandha tissottommetti dawk l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. Fejn meħtieġ, l-ESMA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-publiku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>).”.

*Artikolu 7*  
*Emenda għad-Direttiva 2009/138/KE*

Fid-Direttiva 2009/138/KE, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“*Artikolu 304b*

*Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta' aċċess uniku Ewropew*

1. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikoli 51(1) u 256(1) ta' din id-Direttiva, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-fini li jagħmluha aċċessibbli fil-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*+.

---

+ ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23(2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-publikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...+ jew, fejn meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), ta' dak ir-Regolament;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...+;
  - (iii) id-daqs tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (v) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika.
3. Sa ... [72 xahar, nieqes jum, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw mill-inqas korp tal-ġbir wieħed kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.
4. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 25a ta' din id-Direttiva għandha ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak l-iskop, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> għandu jkun l-EIOPA. L-EIOPA għandha tieħu dik l-informazzjoni mill-informazzjoni notifikata mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 25a ta' din id-Direttiva għall-istabbiliment tal-lista msemmija fl-Artikolu 25a ta' din id-Direttiva.

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
- (i) l-ismijiet kollha tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data* personali.
5. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 271(1) u 280(1) ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak l-iskop, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> għandu jkun l-awtorità kompetenti.
- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:
- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
- (i) l-ismijiet kollha tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...+;
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.
6. Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-EIOPA għandha tiżviluppa standards tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati sabiex tispeċifika dan li ġej:
- (a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;
  - (b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;
  - (c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u, f'tali każijiet, liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

---

+ ĠU: Jekk jogħġibok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

Għall-finijiet tal-punt (c), l-EIOPA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-EIOPA għandha tissottometti dawk l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.

7. Fejn meħtieġ, l-EIOPA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>).”.

## *Artikolu 8*

### *Emenda għad-Direttiva 2011/61/UE*

Fid-Direttiva 2011/61/UE, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*“Artikolu 69b*

*Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew*

Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendantorja], l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(5), it-tieni subparagrafu, ta’ din id-Direttiva għandha ssir aċċessibbli fil-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>\*+</sup>. Għal dak l-iskop, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>++</sup> għandu jkun l-ESMA.

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f’format li minnu tista’ tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>++</sup>;

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-publikazzjoni ta’ dak ir-Regolament.

<sup>++</sup> ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
- (i) l-ismijiet kollha tal-AIFM awtoriżżat taħt din id-Direttiva u l-lista tal-AIFs immaniġġjati jew kummerċjalizzati minn dak l-AIFM li magħhom hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-AIFM awtoriżżat taħt din id-Direttiva u l-lista tal-AIFs immaniġġjati jew kummerċjalizzati minn dak l-AIFM, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...+,
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-publiku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>).”.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

## *Artikolu 9*

### *Emenda għad-Direttiva 2013/34/UE*

Fid-Direttiva 2013/34/UE, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*“Artikolu 33a*

*Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew*

1. Minn ... [48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw ir-rapport ta’ ġestjoni, ir-rapport ta’ ġestjoni kkonsolidat, inkluż għaż-żewġ rapporti l-informazzjoni meħtieġa fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati, ir-rapport tal-awditjar, ir-rapport ta’ aċċertament, ir-rapporti dwar is-sostenibbiltali jikkonċernaw impriżi ta’ pajjiżi terzi u l-opinjoni ta’ aċċertament relatata, id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 40a(2), ir-raba’ subparagraphu, ta’ din id-Direttiva, ir-rapport dwar il-pagamenti lill-gvernijiet, u r-rapport ikkonsolidat dwar il-pagamenti lill-gvernijiet imsemmi fl-Artikolu 30, l-Artikolu 40d u l-Artikolu 45 ta’ din id-Direttiva, l-impriżi msemmija fl-Artikoli 19a, 29a u 40a ta’ din id-Direttiva jissottomettu dawk id-dikjarazzjonijiet u r-rapporti fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir imsemmi fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu għall-fini li jsiru aċċessibbli fil-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*.

---

\* ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta’ dak ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...+ jew, fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), ta' dak ir-Regolament;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tal-impriża li magħha hija relatata l-informazzjoni u, meta l-impriża li tirrapporta hija impriża sussidjarja eżentata kif imsemmi fl-Artikolu 29a(4), it-tieni subparagrafu, l-isem tal-impriża omm li tirrapporta l-informazzjoni fil-livell tal-grupp;
  - (ii) l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-impriża u, meta l-impriża li tirrapporta tkun impriża sussidjarja eżentata kif imsemmi fl-Artikolu 29a(4), it-tieni subparagrafu, fejn disponibbli, l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-impriża prinċipali li tirrapporta informazzjoni fil-livell tal-grupp, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...+;
  - (iii) id-daqs tal-impriża skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament;

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (iv) is-settur(i) industrijali tal-attivitajiet ekonomiċi tal-impriżza, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament;
  - (v) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (vi) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.
2. Meta impriżza tkun issottomettiet l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lil Mekkaniżmu Maħtur Uffiċjalment skont l-Artikolu 23a tad-Direttiva 2004/109/KE sabiex dik l-informazzjoni ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, dik l-impriżza għandha titqies li ssodisfat l-obbligi tagħha skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dment li din l-informazzjoni tkun konformi mar-rekwiżiti kollha dwar il-metadata stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-impriżzi jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika.
4. Sa ... [48 xahar, nieqes jum, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jaħtru mill-inqas korp tal-ġbir wieħed kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

5. Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta miżuri ta' implementazzjoni biex tispeċifika:
  - (a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;
  - (b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;
  - (c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u, f'tali każijiet, liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.
6. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 5, il-punt (a), hija korretta.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovd aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>).”.

*Artikolu 10*  
*Emenda għad-Direttiva 2013/36/UE*

Fid-Direttiva 2013/36/UE, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*“Artikolu 116a*

*Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew*

Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħħ ta’ din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 68(1) u (2) u l-Artikolu 131(12) ta’ din id-Direttiva ssir aċċessibbli fil-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>\*\*</sup>. Għal dak l-iskop, il-korp tal-għbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), ta’ dak ir-Regolament għandu jkun l-awtorità kompetenti jew l-awtorità maħtura.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tiġi sottomessa f’format li minnu tista’ tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>++</sup>;

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta’ dak ir-Regolament.

<sup>++</sup> ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
- (i) l-ismijiet kollha tal-persuna fiżika jew tal-istituzzjoni li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-istituzzjoni, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tinkludix *data personali*.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-publiku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>).”.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

*Artikolu 11*  
*Emenda għad-Direttiva 2014/59/UE*

Fid-Direttiva 2014/59/UE, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*“Artikolu 128a*

*Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew*

1. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 45i(3) ta’ din id-Direttiva, l-entità rilevanti tissottometti dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu għall-fini li jagħmluha aċċessibbli fil-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP), stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*+.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f’format li minnu tista’ tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>++</sup> jew, fejn meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f’format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), ta’ dak ir-Regolament;

---

\* ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta’ dak ir-Regolament.

++ ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
- (i) l-ismijiet kollha tal-entità rilevanti li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-entità rilevanti, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
  - (iii) id-daqs tal-entità regolata skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (v) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika.
3. Sa ... [72 xahar, nieqes jum, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jaħtru mill-inqas korp tal-ġbir wieħed kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

4. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 29(1) u 112(1) ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak l-iskop, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> għandu jkun l-awtorità kompetenti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tal-istituzzjoni rilevanti li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-istituzzjoni rilevanti, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk dik l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

5. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 33a(8), 35(1), 83(4) u 112(1) ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak l-iskop, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...+ għandu jkun l-awtorità ta' riżoluzzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...+;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tal-istituzzjoni rilevanti li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-istituzzjoni rilevanti, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament;
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

6. Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-EBA għandha tiżviluppa standards tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati sabiex tispeċifika dan li ġej:
- (a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;
  - (b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;
  - (c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u, f'tali każijiet, liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-EBA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post għal dak l-iskop.

L-EBA għandha tissottometti dawk l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. Fejn meħtieġ, l-EBA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-publiku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023..., ..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>).”.

### *Artikolu 12*

#### *Emenda għad-Direttiva 2014/65/UE*

Fid-Direttiva 2014/65/UE, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

#### *“Artikolu 87a*

##### *Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta' aċċess uniku Ewropew*

1. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikolu 27(3) u (6), l-Artikolu 33(3), il-punti (c), (d), u (f), u l-Artikolu 46(2) ta' din id-Direttiva, id-ditti ta' investiment, l-operaturi tas-suq jew l-emittenti jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-fini li jagħmluha aċċessibbli fil-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*+.

---

+ ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-publikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...+ jew, fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), ta' dak ir-Regolament;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet tad-ditta tal-investiment, tal-operatur tas-suq jew tal-emittent li magħhom hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) l-identifikatur tal-entità ġuridika tad-ditta tal-investiment, tal-operatur tas-suq jew tal-emittent, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...+;
  - (iii) id-daqs tad-ditta tal-investiment, tal-operatur tas-suq jew tal-emittent skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (v) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-ditti tal-investiment, l-operaturi tas-suq jew l-emittenti jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika.
3. Sa ... [72 xahar, nieqes jum, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], għall-fini li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 27(3) u (6) u l-Artikolu 33(3), il-punti (c), (d), u (f), ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw mill-inqas korp tal-ġbir wieħed kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

Għall-fini li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 46(2) ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> għandu jkun l-awtorità kompetenti.
4. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 32(2), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikoli 52(2) u 71(1) u (2) ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak l-iskop, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> għandu jkun l-awtorità kompetenti.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tad-ditta tal-investiment jew tal-operatur tas-suq li miegħu hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tad-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>,
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.

5. Minn ... [72 xahar mid-data tad-ħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), fir-raba' sentenza tal-Artikolu 18(10) u l-Artikolu 58(1), il-punt (a), ta' din id-Direttiva għandha ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak l-iskop, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> għandu jkun l-ESMA.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) titħejja f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tad-ditta tal-investiment jew tal-operatur tas-suq li magħhom hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tad-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.

6. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 29(3) ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak l-iskop, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> għandu jkun ir-reġistru pubbliku.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġebok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...+;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tal-äġġent marbut li miegħu hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-äġġent marbut, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...+;
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.

7. Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa standards tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati sabiex tispeċifika dan li ġej:

- (a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;
- (b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u, f'każijiet bħal dawn, liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post għal dak il-għan.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

8. Fejn meħtieġ, l-ESMA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 7, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieg kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>).”.

### *Artikolu 13*

#### *Emenda għad-Direttiva (UE) 2016/97*

Fid-Direttiva (UE) 2016/97, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*“Artikolu 40a*

*Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew*

Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 32(1) u (2) ta’ din id-Direttiva ssir aċċessibbli fil-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*+. Għal dak l-iskop, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>++</sup> għandu jkun l-awtorità kompetenti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f’format li minnu tista’ tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>++</sup>;

---

+ ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-publikazzjoni ta’ dak ir-Regolament.

++ ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
- (i) l-ismijiet kollha tal-entità li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-entita, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (EU) .../...<sup>+</sup>;
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiġi pubbliko punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà li tkun disponibbli għall-pubbliku (ĠU L, 2023/..., ..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../oj>).”

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġibok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

## *Artikolu 14*

### *Emenda għad-Direttiva (UE) 2016/2341*

Fid-Direttiva (UE) 2016/2341, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*“Artikolu 63a*

*Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew*

1. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(2), l-Artikolu 29 u l-Artikolu 30 ta’ din id-Direttiva, l-IORPs jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu għall-fini li jagħmluha aċċessibbli fil-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*+.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f’format li minnu tista’ tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>++</sup> jew, fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, f’format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), ta’ dak ir-Regolament;

---

+ ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta’ dak ir-Regolament.

++ ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
- (i) l-ismijiet kollha tal-IORP li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-IORP, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
  - (iii) id-daqs tal-IORP skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (v) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika.
3. Sa ... [72 xahar, nieqes jum, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jaħtru mill-inqas korp tal-ġbir wieħed kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġibok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

4. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 48(4) ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak l-iskop, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> għandu jkun l-awtorità kompetenti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tal-persuni li fuqhom ġiet imposta s-sanzjoni amministrattiva jew miżura oħra li magħħom hi relata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-persuni li fuqhom ġiet imposta s-sanzjoni amministrattiva jew miżura oħra, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

5. Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-EIOPA għandha tiżviluppa standards tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati sabiex tispeċifika dan li ġej:
- (a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;
  - (b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;
  - (c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u, f'tali każijiet, liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-EIOPA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-EIOPA għandha tissottometti dawk l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

6. Fejn meħtieġ, l-EIOPA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-publiku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>).”.

*Artikolu 15*  
*Emenda għad-Direttiva (UE) 2019/2034*

Fid-Direttiva (UE) 2019/2034, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 44a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta' aċċess uniku Ewropew

1. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħi ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikolu 44 ta' din id-Direttiva, id-ditti tal-investiment jew l-impriżi omm jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-fini li jagħmluha aċċessibbli fil-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*+.

---

+ ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-publikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> jew, fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), ta' dak ir-Regolament;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tad-ditta tal-investiment jew tal-impriża omm li magħhom hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tad-ditta tal-investiment jew tal-impriża omm, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (iii) id-daqs tad-ditta tal-investiment jew tal-impriża omm skont il-kategorija, kif spēcifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (v) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data* personali.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-ditti tal-investiment u l-impriżi omm jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika.
3. Sa ... [72 xahar, nieqes jum, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw mill-inqas korp tal-ġbir wieħed kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.
4. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20 ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak l-iskop, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> għandu jkun l-awtoritā kompetenti.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../... +;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tad-ditta tal-investiment li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur tal-entità ġuridika tad-ditta tal-investiment, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../... +;
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data* personali.

5. Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-EBA għandha tiżviluppa standards tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati sabiex tispeċifika dan li ġej:

- (a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;
- (b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u, f'tali każijiet, liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-EBA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post għal dak il-għan.

L-EBA għandha tissottommetti dawk l-istandard tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandard tekniċi ta' implementazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. Fejn meħtieġ, l-EBA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieg kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>). ”. ”.

*Artikolu 16*

*Emenda għad-Direttiva (UE) 2019/2162*

Fid-Direttiva (UE) 2019/2162, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*“Artikolu 26a*

*Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew*

1. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 ta’ din id-Direttiva, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jkollhom il-permess joħorġu bonds koperti, jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu għall-fini li jagħmluha aċċessibbli fil-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*.

---

\* ĠU: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta’ dak ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tīgi sottomessa f'format li minnu tista' tīgi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...+ jew, fejn meħtieġ mid-drift tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), ta' dak ir-Regolament;
- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
  - (i) l-ismijiet kollha tal-istituzzjoni ta' kreditu li jkollha permess toħroġ bonds koperti li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-istituzzjoni ta' kreditu li jkollha permess toħroġ bonds koperti, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...+;
  - (iii) id-daqs tal-istituzzjoni ta' kreditu li jkollha permess toħroġ bonds koperti skont il-kategorija, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (v) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data personali*.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom permess joħorġu bonds koperti jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika.
3. Sa ... [72 xahar, nieqes, jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw mill-inqas korp tal-ġbir wieħed kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.
4. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 24 u l-Artikolu 26(1), il-punti (b) u (c), ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak l-iskop, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> għandu jkun l-awtorità kompetenti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

- (b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:
- (i) l-ismijiet kollha tal-istituzzjoni ta' kreditu li jkollha permess toħroġ bonds koperti li magħha hija relatata l-informazzjoni;
  - (ii) fejn disponibbli, l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-istituzzjoni ta' kreditu li jkollha permess toħroġ bonds koperti, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>;
  - (iii) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;
  - (iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tinkludix *data* personali.
5. Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-EBA għandha tiżviluppa standards tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati sabiex tispeċifika dan li ġej:
- (a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;
  - (b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;
  - (c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u, f'tali każijiet, liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).

Għall-finijiet tal-punt (c), l-EBA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-EBA għandha tissottometti dawk l-istandard tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandard tekniċi ta' implementazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. Fejn meħtieġ, l-EBA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovd aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku u ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L ..., ..., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/.../.../oj>).”.

### *Artikolu 17*

#### *Transpożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 18*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tagħha f'Il-*Ġurnal Uffiċċali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 19*

*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*